Fid-dawl tar-restawr li għadu kemm sar fuq il-pitturi sbieħ tal-Koppla tal-Bażilika tagħna, li għandhom suġġett hekk uniku fit-tifsira teoloġika-simbolika tiegħu, f'din il-ħarġa qed inkomplu bit-tieni parti ta' artiklu xjentifiku miktub apposta mill-biblista Patri Martin Micallef OFMCAP li jgħinna nifhmu t-tifsira iktar profonda ta' dawn ix-xbihat.

# "Ir-Rebbieħ" fil-Ktieb tal-Apokalissi (2)

## Imfisser fil-pittura tal-Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex

Rev. Dr Martin Micallef OFMCAP

*…jaqbad mill-ħarġa l-oħra*

**3. Ir-rebbieħ u s-siġra tal-Ħajja**

Fit-tielet felli tal-koppla, imbagħad, il-Prof. Conti jiġi ispirat minn dak li naqraw f'Apok 2:7: "Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla". Din il-wegħda lir-rebbieħ tagħmel parti mill-Ittra miktuba lill-Knisja f'Efesu li nsibu fil-bidu tal-Apokalissi. Il-belt ta' Efesu kienet magħrufa mhux biss għall-kummerċ li kien isir fiha minħabba li kienet qrib il-baħar, imma wkoll għat-tempju maestuż iddedikat lil alla mara, Artemite.

Wara s-simbolu tas-siġra tal-ħajja li tissemma f'Apok 2:7 xi studjużi jidentifikaw is-siġra qaddisa assoċjata mal-qima tal-alla-natura mnaqqxa fuq xi muniti li kienu jintużaw f'Efesu.[39] Is-siġra qaddisa nstabet ukoll fuq speċi ta' kaxxi li ġew skavati minn dak li baqa' mill-belt ta' Efesu.[40] Il-wegħda li nsibu Apok 2:7 jidher li tissuġġerixxi realtà sopranaturali. Numru ta' kummentarji fuq l-Apokalissi fil-fatt jassoċċjaw dan it-test ma' dak li naqraw fil-ktieb tal-Ġenesi meta jitkellem fuq is-siġra tal-ħajja fil-ġnien tal-Għeden, f'rabta mad-dnub ta' Adam u Eva. Din is-siġra naqraw li kienet mgħassa b'xabla taqbad sabiex ħadd ma jiekol mill-frott tagħha (ara Ġen 3:22-24).

Il-Ktieb tal-Proverbji 3:18 jgħid li l-għerf huwa "siġra tal-ħajja għal min iħaddnu". F'Apok 22:2 imbagħad naqraw kif is-siġra tal-ħajja tipproduċi frott li jibqa' għal dejjem f'Ġerusalemm tas-Sema. Il-kelma "ġenna" oriġinarjament kienet kelma li ġejja mill-Persjan u li kienet tintuża biex tirreferi għal ġnien ta' pjaċir. Fil-Ġudaiżmu din il-kelma bdiet tintuża sabiex tirrappreżenta l-post tal-għemejjel tajba b'mod illi, skont tradizzjoni Lhudija, il-ġenna u s-siġra tal-ħajja kellhom jerġgħu jitfaċċaw fl-aħħar taż-żmien. Fil-fatt, xi rabbini Lhud kienu jimmaġinaw mhux ġenna waħda imma tlieta: dik ta' Adam, il-premju tal-bniedem ġust fil-ġenna, u l-ġenna eskatoloġika fuq l-art qrib Ġerusalemm.[41]

Il-ġenna fil-ktieb tal-Apokalissi tissimbolizza l-istat eskatoloġiku li fih Alla u l-poplu jiġu murija f'relazzjoni perfetta ma' xulxin bħalma kienu qabel il-waqgħa tal-bniedem fid-dnub. Forsi iżda dak li hu l-aktar interessanti ninnutaw fir-referenza għas-siġra tal-ħajja f'Apok 2:7 huwa li dak li kien ipprojbit għal Adam issa hawnhekk qed jiġi mwiegħed lir-rebbieħ. Dan ir-riżultat li jaqleb ta' taħt fuq id-destin uman huwa frott il-mewta salvifika ta' Kristu Ġesù fuq is-"salib". Il-kelma "salib" bil-Grieg hija *zulon* li tista' tfisser kemm għuda u kemm siġra, b'mod illi għall-Insara s-siġra tal-ħajja hija s-salib[42].

L-awtur tal-Apokalissi mela qed iwissi li jekk l-Insara f'Efesu jerġgħu jixegħlu l-imħabba tagħhom lejn il-Mulej, il-premju tagħhom kellu jkun din l-istess siġra tal-ħajja. Il-Mulej iwiegħed lir-rebbieħ li jiekol mis-siġra tal-ħajja, allużjoni għal Ġen 2-3. Tajjeb ninnutaw li l-qarrej ma jerġax jisma' referenza oħra għal din is-siġra jekk mhux ħlief meta naslu għall-aħħar nett tal-Apokalissi (ara 22:2,14,19). Hawnhekk insiru nafu li t-triq lejn din is-siġra tinvolvi li wieħed ikun rebbieħ.



Fil-letteratura apokalittika s-siġra tal-ħajja ħafna drabi hija murija bħala r-rigal tat-tajbin wara li jkun sar il-Ġudizzju (ara 1 En 24.4-25.6; Test. ta' Levi 18.11; 2 En 8.3).[43] Huwa xieraq mela li fl-aħħar taż-żmien dawk li baqgħu fidili lejn Ġesù jitħallew jieklu mis-siġra tal-ħajja. Min jibqa' "fidil" lejn il-Mulej, l-awtur tal-Apokalissi jsejjaħlu "r-rebbieħ" (bil-Grieg *nikon*), kelma li tibqa' tirrepeti ruħha f'dan l-aħħar ktieb tal-Iskrittura. Fost l-istudjużi hemm diskussjoni jekk din il-kelma tirreferix biss għall-martri jew inkella għal dawk kollha li jemmnu u li baqgħu sħaħ sal-aħħar. Jekk wieħed iqabbel Apok 3:20 ma' 3:21 probabbilment jasal għall-konklużjoni li din il-kelma ma tintużax bħala kelma teknika f'referenza għall-martri, għalkemm tinkludi fiha l-martri wkoll.[44]

B'dan f'moħħna nistgħu, mela, napprezzaw aktar kif fit-tielet felli tal-koppla, il-Prof. Conti għażel li jesprimi t-test meħud minn Apok 2:7 u applikah għal San Ġorġ,

ir-rebbieħ li kien tassew jistħoqqlu jiekol mis-siġra tal-ħajja li hemm fil-ġenna ta' Alla. Hekk fil-fatt hu muri dan il-qaddis hawnhekk f'din il-pittura, liebes l-armatura ta' suldat bħala dak li tqabad it-taqbida t-tajba u ħareġ rebbieħ.

**4. Ir-rebbieħ u l-kisba fuq it-tieni mewt**

Il-pittura fir-raba' felli tal-koppla ta' San Ġorġ hija ispirata minn Apok 2:11 fejn naqraw: "Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt". Dan it-test tal-Apokalissi hu meħud mill-kliem li l-anġlu jtenni lill-Knisja f'Pergamu. Fil-wegħda li ssir hawnhekk ninnutaw li l-enfasi doppja negattiva fit-test Grieg li bih inkiteb dan il-ktieb (bil-Grieg *ou me adikethe*) hi li lir-rebbieħ ebda ħsara *ma tagħmillu* t-tieni mewt. L-awtur tal-Apokalissi jħobb jintroduċi kunċett ġdid, bħalma hu l-każ tat-"tieni mewt" hawnhekk, mingħajr ma jispjega t-tifsir tiegħu.

Il-frażi "t-tieni mewt" tintuża erba' darbiet fl-Apokalissi, għalkemm ma tidher imkien aktar fit-Testment il-Ġdid. L-ewwel referenza hija din li nsibu hawnhekk. Jidher li din it-tip ta' mewt li nsibu referenza għaliha hawnhekk hija differenti mill-mewt tal-martirju jew tal-mewt fiżika. It-tieni referenza nsibuha f'Apok 20:6, f'kuntest taż-żmien jew aħjar tal-millennju; dawk li jsaltnu ma' Kristu għal elf sena ma tirbaħhomx it-tieni mewt. It-tielet referenza



niltaqgħu magħha f'Apok 20:14, filwaqt li r-raba' waħda nsibuha f'Apok 21:8, fejn it-tieni mewt hija identifikata bħala waqt li fih xi ħadd jiġi mitfugħ fl-għadira tan-nar fejn hemm ix-xitan, il-bhima, il-profeta falz, u l-mewt.

It-terminu "t-tieni mewt" insibuh ukoll fil-letteratura Rabbinika fejn jintuża b'referenza għall-mewt tal-ħżiena fid-dinja li għad trid tiġi.[45] F'Apok 20:14 it-tieni mewt hija identifikata ma' għadira tan-nar, kif jidher f'dan ir-raba' felli tal-koppla, filwaqt li f'Apok 21:8 hija ppreżentata bħala s-sehem tal-beżżiegħa u ta' dawk li baqgħu ma emmnux. Fuq dawk li baqgħu fidili sal-aħħar it-tieni mewt ma għandha l-ebda setgħa, kif naqraw f'Apok 20:6.

Jidher li r-referenzi għat-tieni mewt fl-Apokalissi jirreferu għall-qerda totali. Din hi l-impressjoni li nieħdu fit-Targum Lhudi u f'Ġer 51:39,57, li jwissi lil dawk li kienu jgħixu f'Babilonja li għad "jorqdu raqda għal dejjem u ma jistenbħu qatt minnha aktar". Dan ifisser li huma kienu ser ikunu esklużi mill-qawmien mill-imwiet u jibqgħu fil-qabar.[46] Huwa fid-dawl ta' dan kollu li rridu nippruvaw nifhmu wkoll ir-referenza għall-"għadira tan-nar" li jsemmi l-Apokalissi f'rabta mat-tieni mewt u li hija mfissra mill-Prof. Conti fir-raba' felli tal-koppla ta' San Ġorġ. Hawnhekk il-pittur jippreżentalna lil San Ġorg qed jiġi merfugħ 'il fuq mill-persuna ta' Kristu Rxoxt. Fl-istess ħin, il-pittur jurina lil dan il-qaddis martri qed jiġi maqtugħ mill-ilmijiet tan-nar li fihom tidher ix-xbieha tal-mewt u tax-xitan.

**5. Ir-rebbieħ fuq il-lemin tat-tron**

Fil-ħames felli tal-koppla l-Prof. Conti jiġi ispirat minn dak li naqraw f'Apok 3:21 dwar kif l-anġlu jkellem lill-Knisja tal-Laodiċija u jgħidilha: "Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu". Il-Laodiċija hu l-isem tal-belt li ssemmiet għall-mara tal-fundatur ta' din il-belt, Antjoku II Selewċidu, li bena din il-belt flok villaġġ li kien hemm qabel. Din il-belt kienet ċentru agrikolu u l-pożizzjoni strateġika tagħha għenet fis-sistema tat-toroq imperjali b'mod illi saret il-post fejn kienu jiltaqgħu flimkien tliet toroq ewlenin. Dan kompla għen biex titkabbar ir-reputazzjoni ta' din il-belt bħala belt kummerċjali u amministrattiva u ċentru fejn kienu jinħadmu twapet u suf, kif ukoll bħala skola medika.[47]

Il-wegħda li nsibu f'Apok 3:21 li r-rebbieħ joqgħod ħdejn Kristu fuq it-tron hija wegħda eskatoloġika, jiġifieri wegħda li għandha sseħħ fl-aħħar taż-żmien. Ġesù kien wiegħed lid-dixxipli tiegħu li fiż-żmien li ġej, meta Bin il-bniedem joqgħod bilqiegħda fuq it-tron glorjuż tiegħu, hemm ukoll dawk li mxew warajh għad joqogħdu bilqiegħda fuq it-tnax-il tron sabiex jiġġudikaw lit-tribujiet ta' Iżrael (ara Mt 19:28). Imma fit-test ta' Apok 3:21 dawk li baqgħu leali huma mwiegħda li għad joqogħdu bilqiegħda miegħu fuq *it-tron tiegħu* li hu wkoll it-tron tal-Missier (ara Apok 22:1).

Ir-rebħa tagħhom kellha ssegwi lil dik ta' Kristu, il-Ħaruf, li wkoll rebaħ u qagħad mal-Missier fuq it-tron tas-Sema. F'2 Tim 2:12 insibu wegħda oħra li tixxiebah: "Jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll". Fil-ktieb ta' Bin Sirak imbagħad insibu wkoll referenza għal David li "l-Mulej... għamel miegħu patt tas-slaten, u tah tron ta' glorja f'Iżrael" (47:11). Ir-Rabbi Akiva kien saħansitra jemmen li t-tron ta' David kellu jkun ħdejn it-tron tal-Qaddis.[48] Fit-testi ta' Qumran insibu illi li xi ħadd joqgħod bilqiegħda fuq it-tron hija wegħda li ssir lil dawk

li jemmnu: "Għax hu 'l-Mulej' li għad jonora lit-twajbin fuq it-tron ta' saltna bla tmiem" (4 Q521 fr. 2, 2:7).

Huma bosta r-referenzi għat-"tron" li nsibu fl-Apokalissi, kelma li fil-fatt fl-Apokalissi tissemma għal 47 darba, f'kuntrast ma' ħmistax-il referenza oħra li nsibu fil-kumplament tat-Testment il-Ġdid kollu, għalkemm qatt fl-Evanġelju skont San Ġwann. Meta nqisu dawn ir-referenzi kollha, allura nistgħu nibdew nifhmu kif ir-referenza għar-rebbieħ f'Apok 3:21 hija qabelxejn waħda espliċita li tirreferi għal min jaqsam l-istess rebħa ta' Kristu, xi ħadd li mexa warajh fit-triq tar-rebħa li hija t-triq tas-salib (ara Lq 22:28-30).

Huwa f'dan id-dawl li rridu nippruvaw nifhmu l-pittura li nsibu fil-ħames felli tal-koppla ta' San Ġorg, fejn il-pittur jippreżentalna lill-qaddis martri bilqiegħda ħdejn Ġesù fuq tron wieħed. Fl-isfond, imbagħad, fl-għoli naraw impittra xbieha tat-Trinità Qaddisa, fejn l-Iben hu bilqiegħda fuq l-istess tron mal-Missier. B'dawn iż-żewġ rappreżentazzjonijiet il-Prof. Conti rnexxielu jispjega b'mod tassew sabiħ dak li naqraw f'Apok 3:21, fejn il-wegħda lir-rebbieħ – f'dan il-każ San Ġorg – li joqgħod maġenb Ġesù fuq it-tron tiegħu ssegwi l-fatt li l-Iben ukoll qagħad maġenb il-Missier fuq it-tron tiegħu.




**6. Ir-rebbieħ, l-ilbies abjad, l-isem fil-ktieb tal-ħajja u l-istqarrija tal-isem**

Fis-sitt felli tal-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ insibu mpitter dak li naqraw f'Apok 3:5: "Hekk ukoll ir-rebbieħ, għad ixidd fuqu lbies abjad; u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu". Tlieta huma l-wegħdiet li qed jiġu indirizzati lir-rebbieħ: (1) li jkun imlibbes bi lbies abjad; (2) li ismu ma jiġix imħassar mill-ktieb tal-ħajja; (3) Kristu għad jistqarr ismu quddiem il-Missier u l-anġli tiegħu.

L-ilbies abjad huwa msemmi seba' darbiet fil-ktieb tal-Apokalissi. L-Insara f'Laodiċija jingħataw il-parir sabiex jixtru "lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb tal-għera tiegħek" (3:18). Lill-martri li kienu qed jistennew li jsir ħaqq "lil kull wieħed minnhom ingħatatlu libsa twila bajda" (6:11). Fil-kamra tat-tron tas-Sema, l-erbgħa u għoxrin Xiħ li jkunu bilqiegħda huma murija "lebsin l-abjad" (4:4), filwaqt li quddiem il-Ħaruf insibu "kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha… lebsin ilbies twal bojod" (7:9) u li għalihom wieħed mix-Xjuħ jistaqsi: "Dawn li għandhom l-ilbies twal bojod fuqhom min huma?" (7:14). It-tweġiba għal din il-mistoqsija tirreferi għal "dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf" (7:14). L-eżerċtu tas-Sema mbagħad huwa muri "lebsin l-għażel l-abjad bla nikta" (19:14).

Minn dawn ir-referenzi kollha nistgħu naslu għall-konklużjoni li l-ilbies abjad imwiegħed lir-rebbieħ f'Apok 3:5 jirrappreżenta lbies xieraq għal min ser jidħol fil-glorja tas-Sema.[49] Fil-fatt, xi studjużi jinterpretaw ir-referenzi għall-ilbies abjad fl-Apokalissi bi tliet modi: (i) sinjal ta' festa (Koħ 9:8); (ii) ir-rebħa (2 Mak 11:8); (iii) l-istat tal-ġenna (Dan 7:9).[50] Dawn l-assoċjazzjonijiet ta' ideat jingħaqdu flimkien fir-referenza għall-ilbies abjad f'Apok 3:5. Tajjeb li nżidu li l-membri ta' Qumran, magħrufa bħala l-Esseni, kienu wkoll jilbsu lbies abjad, probabbilment bħala simbolu tal-purità interjuri li kienu tant jenfasizzaw, kif naqraw fil-kitbiet tagħhom.[51]

Studjużi oħrajn imbagħad jgħaqqdu r-referenza għall-ilbies abjad mal-mod kif kienu jiġu ċċelebrati r-rebħiet fl-Imperu Ruman. L-abjad fil-fatt kien il-kulur li kien jintuża speċjalment fil-jum tar-rebħa ta' xi imperatur Ruman, b'mod illi meta fl-Apokalissi qed naqraw li r-rebbieħ jimxi bl-ilbies abjad, jista' jagħti l-każ li l-awtur kellu f'moħħu l-purċissjonijiet trijunfali tar-Rumani.[52]

It-tieni wegħda hija li l-isem tar-rebbieħ ma jitħassarx mill-ktieb tal-ħajja. F'din il-wegħda ninnutaw kif ir-referenza għall-"ktieb tal-ħajja" ssegwi referenzi oħra marbuta mal-"ħajja" fl-Apokalissi. Wara r-referenza għas-"siġra tal-ħajja" f'Apok 2:7 u "l-kuruna tal-ħajja" f'Apok 2:10, l-awtur tal-Apokalissi jintroduċi "l-ktieb tal-ħajja" (3:5). Huwa biss fi tmiem il-ktieb (ara b'mod partikulari 20:12,15) li nieħdu idea tat-tifsira tar-referenza għall-"ktieb tal-ħajja". Filwaqt li s-siġra/l-għuda huwa l-mezz li bih dawk li jemmnu jiġu salvati, u l-kuruna tirrappreżenta r-rigal li għandhom jirċievu, hekk ukoll "il-ktieb" li fih hemm imniżżlin l-ismijiet ta' dawk li huma salvi jirrappreżenta ċ-ċertezza tas-salvazzjoni għal dawk li isimhom huwa mniżżel.[53] Fl-Apokalissi l-ismijiet huma mniżżlin fil-ktieb tal-ħajja "sa mit-twaqqif tad-dinja" (17:8). F'Apok 20:12 naqraw dwar "kotba" (fil-plural) u l-ktieb tal-ħajja. Rispettivament, dawn huma l-kotba li fihom jitniżżlu l-għemejjel tan-nies u li skonthom għandhom jiġu

ġġudikati. Fuq kollox, kif naqraw f'Apok 20:15, *il-ktieb tal-ħajja* nsibu mniżżla fih dawk lil dawk ġew magħżulin, b'mod illi "hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa tan-nar".[54]

L-idea ta' ktieb bl-ismijiet miktubin fih insibuha għall-ewwel darba fit-Testment il-Qadim, eżattament f'Eż 32:32-33. Hawnhekk naqraw kif Mosè jistqarr li jekk il-Mulej Alla ma jaħfirx id-dnubiet tal-poplu tiegħu, huwa (Mosè) talab lill-Mulej Alla li ismu jiġi mħassar "mill-ktieb li inti ktibt".[55] Fit-Testment il-Qadim, *il-ktieb tal-ħajja* hu meqjus bħala reġistru li fih kienu jitniżżlu dawk kollha li kienu jagħmlu parti mill-komunità ta' Iżrael, il-poplu ta' Alla.[56] Xi kummentarji jżommu li fid-dawl tas-Salm 69:28, ir-referenza li jitneħħa ismek minn dan il-ktieb kienet tfisser sempliċiment li tmut, filwaqt li fit-Testment il-Ġdid din il-ħaġa tfisser id-destin etern.[57] Min-naħa l-oħra, studjużi oħra huma tal-fehma li x-xbieha tal-*ktieb tal-ħajja* m'għandhiex tiġi interpretata b'mod litterali. Dan ifisser, mela, li l-espressjoni "jitħassar ismek" tirreferi għall-fatt li l-isem ta' dik il-persuna m'għandux post aktar fost dawk li jirċievu l-ħajja ta' dejjem.[58]

It-tielet wegħda li nsibu f'Apok 3:5 hija li Kristu għad jistqarr isem ir-rebbieħ quddiem il-Missier u l-anġli tiegħu. L-għarfien ta' Alla lejn il-bniedem u bil-kontra hija tema li tissemma bosta drabi fit-Testment il-Qadim.[59] F'referenzi varji fit-Testment il-Ġdid imbagħad din il-ħaġa tiġi ppreżentata f'forma negattiva. Hekk, ngħidu aħna, meta naqraw li dawk li ma jistqarrux lill-Iben quddiem il-bnedmin, lanqas l-Iben ma kien lest li jistqarrhom quddiem il-Missier. F'testi oħra, imbagħad, insibu kemm ir-referenza negattiva u kemm dik pożittiva, bħal f'Mt 10:32-33 fejn naqraw: "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet".[60]

It-test minn Apok 3:5 li fuqu qed nitkellmu jissuġġerixxi struttura triplika fis-Sema: l-Iben li qed jitkellem, il-Missier u l-anġli. Dan il-motiv insibuh diġà preżenti f'Mk 8:38: "Għax jekk xi ħadd, minn dan in-nisel żieni u midneb tal-lum, għad jistħi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien mal-anġli mqaddsa". San Luqa jirrepeti dan il-vers, filwaqt li San Mattew (Mt 10:32-33) jelimina r-referenza għall-anġli.

It-tliet wegħdiet lir-rebbieħ imsemmija f'Apok 3:5 jingħaqdu b'mod sabiħ fis-sitt felli tal-pittura tal-koppla ta' San Ġorġ, fejn il-Prof. Conti jurina lill-qaddis martri għarkupptejh filwaqt li qed jiġi mlibbes l-ilbies l-abjad, l-ilbies tar-rebbieħa. Ħdejh, bilwieqfa, naraw il-figura ta' Kristu bil-pjaga tal-kustat, biex nindunaw li hu r-rebbieħ



fuq il-mewt. Il-figura ta' Kristu hija murija lilna wkoll bil-ktieb tal-ħajja f'idejh u b'ħarstu 'l fuq lejn il-Missier li jidher impitter fuq nett ta' dan il-felli mdawwar mill-anġli tiegħu u li bħal donnu qed jilqa' x-xhieda tal-Iben dwar il-martri San Ġorġ.

*...jissokta fil-ħarġa li jmiss*

**Referenzi**

39 Ara Ford, *Revelation*, 388.
40 Ara ibid.
41 Ara ibid.
42 Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 117.
43 Ara Mounce, *Book of Revelation*, 72.
44 M.G. Reddish, *Revelation*, Macon 2001, 54.
45 Ara r-referenzi li jagħti Mounce, *The Book of Revelation*, 77.
46 Ara Harrington, *Revelation*, 60.
47 Ara Ford, *Revelation*, 419.
48 Ara ibid., 422.
49 Fuq dan il-punt kompli aqra Charles, *The Revelation of St. John*, 1:82.
50 Ara Harrington, *Revelation*, 69.
51 Ara Ford, *Revelation*, 409.
52 Ara ibid., 413.
53 Fuq din is-sekwenza ta' ħsieb ara Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 125.
54 Ara wkoll Mal 3:16; 2 Kor 3:3; Lq 10:20; Lhud 12:23 fejn insibu referenzi għall-għemejjel imniżżla ta' dawk li kienu jibżgħu mill-Mulej.
55 Ara wkoll Salm 69:28; Dan 12:1.
56 Ara Iż 4:3; Mal 3:16.
57 J.P.M. Sweet, *Revelation*, Westminister Pelican Commentaries, Philadelphia 1979, 100.
58 Philip Edgcumbe Hughes, *The Book of Revelation*, Grand Rapids 1990, 57. Interessanti ninnutaw li l-idea tal-*ktieb tal-ħajja* ma nsibuhiex biss fil-Bibbja imma wkoll f'letteratura sekulari. Ara Martin Kiddle, *The Revelation of St. John*, The Moffat New Testament Commentary, London 1940, 47; Hemer, *The Letters to the Seven Churches of Asia in their Local Setting*, 148-149.
59 Ara, ngħidu aħna, 1 Sam 2:30.
60 Ara wkoll Lq 12:8; Mk 8:38; Lq 9:26.